# LIL NINU CREMONA

## FL-AKKADEMJA LI SARITLU FIL-"B.I."

## VICTORIA, GHAWDEX, 28. 5. 1960

*Ta'* Saċ. M.A. Apap

Id-dalma li ssewwed fil-qiegħ ta' Kalipsu
Li sserrep taħt Artna, mill-kotra minsija
Żmien ilu f'difrejha ħakmitna bla heda
Magħquda mad-dħaħen għoljin tal-Ġgantija.

*

U saitan lejl li ra tant sjuf għaddejja
Bla kwiekeb sbieħ ma' qamar lewn fidd:en
Ix-xtiewi tkarkar waħda wara l-oħra,
U xaqq ta' dawl ma jidher minn imkien.

Kien ġensna għaddej b'idejh 'il fuq mgħollija
Bħal mewġ ta' baħar li ma jixjieħ qatt,
Itenni l-innu ta' ħakmiet qarrieqa.
Fil-waqt li donnu m'hu mismugħ minn ħadd.

Narah iċarċar demm ma' dmugħ imħallat,
Quddiem l-allat li ma jarawx ħlief dlam,
Ma jisimgħux ħlief skiet ta' ħemda mejta;
Qlubhom ma tħennx, għax mhix ħlief ġebel samm.

U kif ta' Sawlu d-dalma tbiddlet f'dija
Bid-dawl ta' Xemx is-sewwa, hekk ukoll
Nistħajjel dalmet ġensna tgħ:b mistħija
X'ħin b'ħeffa lsienu f'safa beda jħoll.

Hawn dija ġdida ġriet mal-gżejjer tagħna
Kif ġriet mal-ħbit ta' mirkeb ir-Rażul
U ż-żgħażagħ ħutna għannew il-ġmiel tal-għana
Imżejna b'ġiżimin fix-xagħar maħlul.



U ħaddret l-Art fil-ġmiel ta' ħajja rżina
Bħal żonqra għammiela f'nofs baħar bejjien
Li fuqha tkellem kull għasfur tal-għana
Bil-ġmiel u l-qawwa ta' l-isbaħ ilsien.

*

Il-lum quddiem twemmin ta' elfejn sena
Nisma' dal-ġens f'ilsien :doqq sabiħ;
Marbut fi ħsieb u qalb waħdana hienja
Biex jogħla 'l fuq mill-mewġ ħafif tar-riħ.

Hemmhekk itenni radd il-ħajr tal-għotja
Li dawl feġġ f'nofsna, żmien b:d-dlam miksija,
Li kellu jsaffi d-difa ċkejkna tagħna
u jisqi l-għasel tal-kelmiet Maltija.

U b'qawwa jsaħħaħ bħas-swar li jdawruna,
Li bħall-għoljiet jgħollina 'l fuq mill-art;
Hodor fit-tama bħall-għel:eqi tagħna
Lesti biex iżejnuha lkoll bil-ward.

*

Hawn tfal imbissma, ferħanin, godlija,
Iqaċċtu l-frieghi, sfieq ta' rand u luq,
Ħfief bħall-għefiered jersqu lejn dawl artna
Li m:nn ta' l-ewwel għolla ġiehna 'l fuq.

U bil-kuruna dejjem tħaddar f':dhom
Jinkurunawh, biex ma jintesa qatt;
U ż-żminijiet ġejjiena tisma' l-għajta
U twieġeb b'leħen wieħed lil kulħadd:

Mhux flien barrani li ma jaf ħadd demmu,
Mhux Melkart, Giove, Astarte jew Mammona;
Iżda kien ħuna, bidu u sies ta' qawwa
Ġieħ ilsien artna — kien Anton Cremona.

Xagħra, 28. 5. 1960.